# CURRICULUM VITAE TAS-SUR ANTON TABONE K.O.M.

Inħatar l-ewwel Ministru għal Għawdex fl-1987 u reġa' ngħata l-istess ħatra fl-1992, kariga li żamm sa Ottubru tal-1996. Bejn l-1998 u l-2008 huwa kien Speaker tal-Kamra tad-Deputati.

Anton Tabone ġie elett għall-ewwel darba f'isem il-Partit Nazzjonalista (PN) fl-1966 u kien Membru tal-Kamra tad-Deputati għal iżjed minn tnejn u erbgħin sena; għall-ewwel bħala *backbencher* u mbagħad bħala *Shadow Minister*, Ministru, u fl-aħħar *Speaker*. Kien ukoll membru tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista, u membru tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex, li llum m'għadux jeżisti, fejn ippreseda fuq għadd ta' kumitati fi ħdan l-istess Kunsill.

Matul il-ħatra tiegħu bħala Ministru għal Għawdex huwa ġab 'il quddiem l-aspett reġjonali tal-gżira kemm fil-kuntest nazzjonali u kemm fi ħdan il-Konferenza ta' Reġjuni Ewropej Periferali u Marittimi (CPMR) li Għawdex sar Membru tagħha. Bħala *Speaker* huwa ġab 'il quddiem l-inizjattiva ta' Malta li titwaqqaf l-Assemblea Parlamentari tal-Mediterran u t-twaqqif tas-Segretarjat tagħha f'Malta.

Huwa mexxa b'suċċess it-tranżizzjoni diffiċli li matulha l-Parlament ta' Malta għadda minn wieħed ta' Stat mhux membru tal-Unjoni Ewropea għal dak ta' Stat Membru meta Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea fl-2004.

Tabone għin biex iġib 'il quddiem l-interessi ta' Għawdex u tal-Għawdxin u llum il-ġurnata d-dimensjoni Għawdex qiegħda tkun meqjusa fuq quddiemnett, kemm tal-politika nazzjonali u kemm tad-dimensjoni territorjali tal-Unjoni Ewropea.

Fis-sena 2008, Anton Tabone sar Membru tal-Ordni Nazzjonali tal-Mertu fi grad ta' Kumpann u serva ta' Aġent President ta' Malta bejn l-2009 u l-2012.